# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum is-27 t'Ottubru, 2016.**

**Rikors Numru 403/2010 SM**

***Mediterranean Building Finishes Limited***
**(C – 13077)**

**vs.**

***Joinwell Limited***
**(C – 27929)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat il-21 t'April, 2010, li permezz tieghu r-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti hemm indikat sintetikament espona s-segwenti: (ara foll 1)

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet inkarigata mis-socjeta` intimata biex tiksi l-art tax-*showroom* taghha fi Triq il-Mithna, Hal-Qormi, bir-resina;

1.2. Illi wara li qdiet l-inkarigu lilha hekk moghti harget fattura datata t-18 ta' Lulju, 2008, (ara foll 4), li permezz taghha talbet il-pagament tal-bilanc lilha hekk dovut mis-socjeta` intimata;

1.3. Illi s-socjeta` intimata rrifjutat li thallas l-ammont minnha dovut lis-socjeta` rikorrenti, inkluz il-VAT relattiv;

1.4. Illi *nonostante* li interpellata biex thallas l-ammont komplessiv t'erbghin elf, tmin mija u sitta u ghoxrin euro u tmienja u ghoxrin centezmu, (€40,826.28), is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti, (ara foll 5);

1.5. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.5.1. Tiddikjara li l-ammont t' €40,826.28, li jinkludi l-VAT, bilanc minn somma akbar, ghall-materjal fornut u ghax-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti fuq inkarigu u a beneficcju tas-socjeta` intimata, ghandu jithallas mill-istess socjeta` intimata lil dik rikorrenti;

1.5.2. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.5.3. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur u bl-imghax mit-18 ta' Lulju, 2008, sad-data tal-effettiv pagament;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-24 ta' Mejju, 2010, li permezz taghha s-socjeta` intimata sintetikament irrispondiet bil-mod segwenti: (ara foll 10)

2.1. Illi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma infondati *stante* li mhux minnu li s-socjeta` rikorrenti qdiet l-inkarigu taghha kif pattwit;

2.2. Illi ghalhekk, l-istess talbiet ghandhom jigu respinti, bl-ispejjes;

2.3. Illi s-socjeta` rikorrenti kienet debitament avzata li l-materjal fornit, u x-xoghol ezegwit, kienu difettuzi;

2.4. Illi effettivament ghalhekk, is-socjeta` rikorrenti naqset li tassigura li l-materjal fornit u x-xoghol ezegwit ikunu skont is-sengha u l-ftehim;

2.5. Salv risposti ulterjuri;

3.0. Rat il-kontro-talba tas-socjeta` intimata annessa mal-istess risposta fuq indikata tal-istess socjeta`, li permezz taghha sintetikament esponiet is-segwenti: (ara foll 12)

3.1. Illi s-socjeta` intimata rikonvenzjonanti, (minn issa 'l quddiem riferita bhala s-socjeta` intimata), inkarigat lis-socjeta` rikorrenti rikonvenzjonanta, (minn issa 'l quddiem riferita bhala s-socjeta` rikorrenti), biex tforni materjal u tezegwixxi xogholijiet fl-art fix-*showroom* taghha fi Triq il-Mithna, Hal-Qormi;

3.2. Illi s-socjeta` rikorrenti ghamlet xoghol hazin, u dan billi ezegwit l-istess bi traskuragni, negligenza, imperizja u b'nuqqas ta' hila u t'attenzjoni fl-esekuzzjoni tal-istess;

3.3. Illi rizultat tal-istess is-socjeta` intimata sofriet danni li ghalihom hi responsabbli s-socjeta` rikorrenti;

3.4. Illi l-materjal fornit u x-xoghol esegwit mis-socjeta` rikorrenti kien difettuz;

3.5. Illi ghalhekk uzufruiet ruhha mill-imsemmija kontro-talba u aderiet din il-qorti biex din il-qorti:

3.5.1. Tiddikjara lis-socjeta` rikorrenti risponsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` intimata;

3.5.2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` intimata, okkorrendo bin-nomina ta' periti *nominandi*;

3.5.3. Tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti thallas lis-socjeta` intimata dik is-somma hekk likwidata;

3.5.4. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` rikorrenti;

4. Tirrileva li s-socjeta` rikorrenti naqset li tintavola risposta ghat-talbiet tas-socjeta` intimata kontenuti fil-kontro-talba taghha;

5.0. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-7 t'Ottubru, 2010, li permezz tieghu hatret lis-segwenti biex jassisstuha: (ara foll 16);

5.1. Lill-assistent gudizzjarju hemm indikat;

5.2. Lill-perit tekniku hemm indikat;

6. Rat id-digriet taghha kif issa preseduta datat is-6 ta' Marzu, 2012, li permezz tieghu ghar-raguni hemm esposta, rrevokat *contrario imperio* in-nomina tal-assistent gudizzjarju riferit fil-paragrafu precedenti, (ara foll 22);

7. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` rikorrenti datata t-12 ta' Novembru, 2014, (ara foll 36), flimkien man-nota responsiva tas-socjeta` intimata datata s-16 ta' Dicembru, 2014, (ara foll 47);

8. Rat id-digriet taghha datat il-25 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu, wara talba appozita tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet, awtorizzat lill-istess biex jittrattaw il-kawza bil-modalita` u fit-termini hemm indikati, (ara foll 212);

9. Ezaminat ir-rapport peritali pprezentat *in atti*, (ara foll 62);

10. Ezaminat ukoll l-eskussjoni tal-istess perit tekniku, (ara foll 201, 205, 213 u 215);

11. Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

12. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet jittrattaw il-kaz oralment b'mod finali;

Ikkunsidrat:

13.0. Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura in dizamina jistghu jigu sintetikament esposti bil-mod segwenti:

13.1. Illi s-socjeta` intimata tat kuntratt t'appalt lis-socjeta` rikorrenti biex tesegwixxi xogholijiet specifici fl-art tax-*showroom* taghha f'Hal Qormi u tiksieh bir-resina apposita;

13.2. Illi s-socjeta` intimata ma tikkontestax li x-xoghol *de quo* kien effettivament ezegwit mis-socjeta` rikorrenti izda tilmenta mis-segwenti:

13.2.1. Illi x-xoghol ma giex esegwit skont is-sengha u l-arti;

13.2.2. Illi l-materjal uzat ma kienx ta' kwalita` tajba u kien difettuz;

14.0. Illi partikolarment is-socjeta` intimata tilmenta mis-segwenti:

14.1. Fil-pjan terran: jirrizultaw is-segwenti:

14.1.1. Infafat zghar fl-art, (ara foll 73);

14.1.2. Sinjali u qsim fl-art hdejn il-hgieg, (ara foll 73);

14.1.3. Partijiet zbuzzati fl-art, (ara foll 73);

14.1.4. *"Poor detailing"* madwar l-"*outlets*", (ara foll 73);

14.2. Fl-ewwel sular:

14.2.1. Qsim fl-art, (ara foll 73);

14.2.2. Partijiet mill-art zbuzzati, (ara foll 73);

14.3. Fit-tieni sular:

14.3.1. Qsim fl-art, (ara foll 73);

14.3.2. Marki tal-*"flout"* u zlivellar fil-wicc tal-art, (ara foll 73);

14.3.3. Partijiet skuluriti, (ara foll 73);

14.3.4. Partijiet zbuzzati fl-art, (ara foll 73);

14.3.5. Partijiet tal-art maqlugha, (ara foll 73);

Ikkunsidrat:

15.0. Illi fir-rigward tal-istess difetti riskontrati indikati fil-paragrafu precedenti, s-socjeta` rikorrenti sintetikament tghid is-segwenti:

15.1. Illi ma tikkontestax l-ezistenza tad-difetti fuq riskontrati, (ara foll 74 u 122);

15.2. Illi pero` ssosstni li d-difetti riskontrati mhux rizultat tax-xoghol minnha ezegwit, jew tal-materjal minnha fornit, (ara foll 121 u 122);

15.3. Illi r-responsabbilita` ghad-difetti riskontrati kienet tas-socjeta` intimata stess *stante*:

15.3.1. Illi minhabba li fil-fond *de quo* kien hemm kuntratturi ohra involuti, dawn waqghu lura fix-xoghol taghhom, (ara foll 120);

15.3.2. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti kien impossibbli ghaliha li tibda bix-xogholijiet taghha fil-gurnata pattwita, (ara foll 126 u 121);

15.3.3. Illi effettivament ix-xoghol kien ezegwit minn sub-appaltatur, li kien ilu s-snin jippresta s-servizzi tieghu lis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 121);

15.3.4. Illi peress li s-socjeta` rikorrenti kienet giet inkarigata taghmel xoghol ta' rifinitura, hi kellha l-aspettattiva li x-xogholijiet preliminari kellhom jitlestew u jkunu skont is-sengha u l-arti, (ara foll 121);

Ikkunsidrat:

16.0. Illi meta s-socjeta` rikorrenti kien imissa tibda tezegwixxi x-xogholijiet taghha sabet is-segwenti:

16.1. Illi hafna mix-xoghol tal-operaturi ma kienx lest u l-armar tal-kuntratturi involuti kien ghadu fuq il-post, (ara foll 121 u 157);

16.2. Illi kien ghad hemm hafna haddiema ta’ kuntratturi ohrajn ghadhom jahdmu fuq il-post, (ara foll 120 u 157), u b’hekk is-socjeta` intimata halliethom jirfsu fuq il-prodott taghha, (ara foll 122 u 77);

16.3. Illi ghalhekk ma sabitx il-kundizzjonijiet li fihom setghet tahdem kif xtaqet;

16.4. Illi kien hemm hafna trab u rih, (ara foll 122);

16.5. Illi rrizulta wkoll li s-sodda tal-konkos li s-socjeta` intimata kienet poggiet fl-art tal-fond in dizamina, u li s-socjeta` rikorrenti kellha tqieghed il-prodott taghha fuqha, ma kienitx adattata ghat-tqeghid tal-istess prodott, (ara foll 122);

16.6. Illi rizultat ta’ dan ma kienx hemm *“membrane”* u *“expansion joints”*, u dan wassal ghall-konsenturi fir-resina imqeghda fl-art tal-fond *de quo*, (ara foll 121);

16.7. Illi *di piu`* l-istess socjeta` rikorrenti ssosstni li kellha pressjoni mis-socjeta` intimata biex tibda tezegwixxi x-xoghol taghha malajr u b’hekk tilhaq tlesti fil-hin, (ara foll 121);

Ikkunsidrat:

17. Illi fir-rigward tal-istitut tal-appalt jinghad sintetikament li appaltatur ghandu l-obbligu li jesegwixxi x-xoghol lilu kommess b’mod li x-xoghol isir skont is-sengha u l-arti u mhux b’mod li ’l quddiem juri difetti;

18. Illi f’dan is-sens il-***Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)***, fil-kawza fl-ismijiet ***Pierre Darmanin vs. Moira u Christopher konjugi Agius***, datata s-***6 t’Ottubru, 2004***, irriteniet is-segwenti:

> “L’imprenditore ha l’obbligo di esiguire bene l’opera commessagli, secondo i dettami dell’arte sua, e deve

prestare almeno una capacita` ordinaria”, (Kollez. Vol. XXVII P.I p. 373). Dan fis-sens li hu “ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu”, (Kollez. Vol. XL P. I p. 485)

Ikkunsidrat:

19. Illi jirrizulta li fil-kawza inhatar perit tekniku li jipprezenta r-relazzjoni tieghu rigwardanti l-analisi tieghu tal-kwalita` tax-xoghol riskontrat, (ara foll 62 *et sequitur*);

20. Illi f’dan ir-rigward partikolari l-***Qorti tal-Appell***, fil-kawza fl-ismijiet ***Benjamin Camilleri nomine vs. Charles Debattista nomine*** datata d-***9 ta’ Frar, 2001***, sostniet is-segwenti:

> “Illi l-opinjoni teknika konfermata bil-gurament minn perit tekniku, bhal kull prova ohra, setghet tigi skartata mill-qorti. Dan pero` mhux leggerment jew kappriccjosament, imma biss fejn tirrizulta valida mill-atti. Bhala regola u stabbilit anki mill-gurisprudenza, l-qorti ma kelliex tiskarta u twarrab opinjoni ta’ perit tekniku minnha nominat, il-ghaliex dik, kif inghad, tikkostitwixxi element ta’ prova importanti jekk mhux determinanti, li kellu jifforma gudizzju tal-gudikant”

Ikkunsidrat:

21. Illi minn analisi tar-relazzjoni peritali *in atti* jirrizulta assodat li l-istess perit tekniku in kwistjoni ezegwixxa l-oneru tieghu skrupolozament, professjonalment u verament b’mod ezawrjenti;

22. Illi tenut kont tas-suespost, din il-qorti ma ssib ghalhekk l-ebda raguni ghaliex m’ghandiex tistrieh fuq ir-rizultanzi u konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-perit tekniku in dizamina, u konsegwentement tiddikjara li ghalhekk qed tistrieh fuq ir-rizultanzi u konluzjonijiet minnhu hemm esposti u taghmilhom taghha;

Ikkunsidrat:

23. Illi in vista tal-premess ghalhekk jinghad immedjatament f'dan l-istadju li jirrizulta assodat li s-socjeta` rikorrenti, bhala socjeta` appaltatrici, naqset li tosserva l-obbligu taghha ta' diligenza professjonali kif rikjesta fix-xogholijiet in dizamina kif ikkonkluda l-istess perit tekniku *de quo*, (ara foll 81 sa 82 u 205);

Ikkunsidrat:

24. Illi rigward l-allegazzjoni tas-socjeta` rikorrenti li kellha struzzjonijiet insistent mis-socjeta` intimata biex tlesti x-xogholijiet halli hi tkun tista` tiftah fil-hin, (ara foll 120 u 122), issir riferenza ghal dak li tghid fir-rigward, il-***Qorti tal-Appell*** fil-kawza fl-ismijiet ***Nicola Vella vs. Luigi Agius*** datata s-***7 t'April, 1923***:

> "E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` a contrarii alle buone regole dell'arte", (Kollez. Vol. XXV p.I p.727)

25. Illi *di piu`* l-***Qorti Civili Prim' Awla*** fil-kawza fl-ismijiet ***Antonio Pisani vs. Carmelo Debattista*** datata it-***8 ta' Mejju, 1958***, tkompli temfasizza li:

> "L-appaltatur hu obbligat u hu dejjem responsabbli li jaghti lill-appaltant opera sodisfacenti, u ma jistghax jallega li x-xoghol sar mhux sewwa ghax hu ghamlu kif ried il-kommittent, billi l-appaltatur hu obbligat jirrezisti ghal kwalunkwe intromissjoni tal-kommittent";

26. Illi konsegwenza tal-konkluzjoni tal-perit tekniku fuq riferit li:

> "... dawn ix-xogholijiet esegwiti" (mis-socjeta` rikorrenti) "m'huwiex tal-kwalita` pattwita billi huma affetti minn difetti konsistenti principalment f'infafat, qsim u marki fil-wicc ta' din l-art" (ara foll 81), u li
>
> "Dawn id-difetti huma rizultat ta' xogholijiet mhux skont l-arti u s-sengha min-naha tas-socjeta` rikorrenti u ma jirrizultax li huma rizultat ta' fatturi estranji mill-kontroll tas-

socjeta` rikorrenti kif tallega l-istess socjeta` rikorrenti" (ara foll 82)

ghandu jkun pacifiku li s-socjeta` rikorrenti m'ghandha l-ebda dritt ghall-hlasijiet minnha mitluba fir-rikors guramentat promotur taghha;

Ikkunsidrat:

27. Illi fid-dawl tas-suespost l-opposizzjoni tas-socjeta` intimata ***"exceptio non rite adempleti contractus"*** – ghat-talba ghall-hlas intavolata mis-socjeta` rikorrenti hi opposizzjoni legittima li timmerita l-avall ta' din il-qorti;

28. Illi ghalhekk is-socjeta` intimata hi intitolata li zzomm il-pagament reklamat mis-socjeta` rikorrenti;

29. Illi in konformita` ma dan il-hsieb ara ***Vella vs. Bugeja***, datata t-***3 ta' Frar, 2003***, fejn il-***Qorti tal-Magistrati*** li rriteniet:

> "...l-appaltatur mhu intitolat ghal ebda kumpens sakemm ma jottemporax ruhhu mall-ftehim tal-appalt, jigifieri li jesegwixxi x-xoghol skont l-arti u s-sengha u skont il-ftehim";

Ikkunsidrat:

30.0. Illi fid-dawl tas-suespost, jigi ritenut is-segwenti:

30.1. Illi ghalhekk ghandhom jigu milqugha l-konkluzjonijiet raggunti mill-perit tekniku in dizamina, (ara foll 81 u 82);

30.2. Illi ghalhekk ukoll ghandhom jigu milqugha r-risposti tas-socjeta` intimata, (ara paragrafu numru tnejn, (2.), aktar qabel u foll 10);

30.3. Illi ghalhekk ukoll ghandhom jigu respinti t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti, (ara foll 2);

Ikkunsidrat:

31.0. Illi rigward il-kontro-talba interposta mis-socjeta` intimata jinghad sintetikament is-segwenti:

31.1. Illi s-socjeta` rikorrenti m'esegwitx l-appalt lilha moghti skont is-sengha u l-arti;

31.2. Illi ghalhekk titlob li tkun risarcita ghad-danni minnha hemm indirizzati;

32. Illi f'dan ir-rigward issir riferenza ghas-sentenza tal-***Prim' Awla tal-Qorti Civili*** fl-ismijiet ***Raphael Micallef vs. Anthony Agius***, datata d-***9 ta' Gunju, 2004***, li tghid:

> "Naturalment il-precitat dispost tal-ligi jrid jinqara unitament ma' l-artiklu 1125 tal-Kapitlu 16 (tal-Ligijiet ta' Malta), li hu generali u komprensiv ta' kwalsiasi obbligazzjoni:
>
> > "Kull min jonqos li jesegwixxi obbligazzjoni li huwa jkun ikkuntratta, hu obbligat ghad-danni"
>
> Danni dawn li fil-kaz partikolari jridu jkunu fil-mizura korrispondenti ghall-ispiza necessarja ghall-eliminazzjoni tad-difetti";

33. Illi fl-istess sena l-***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, fis-sentenza fl-ismijiet ***Ignazia Degabriele vs. George Calleja et*** datata t-***30 ta' Gunju, 2004,*** tghid:

> "Hu maghruf illi fil-kaz ta' inadempiment tal-kuntratt ta' appalt, inkluz f'dan it-termini n-nuqqas ta' ezekuzzjoni tajba tax-xogholijiet m'huwiex eskluz l-applikazzjoni tal-principji generali fil-kaz ta' inadempjenza kontrattwali. Dawn, infatti, jibqghu applikabbli meta ma jirrikorrux il-presupposti tad-disposizzjonijiet specjali, senjatament ir-rizoluzzjoni u l-hall tal-kuntratt, ex-artikolu 1640 tal-Kodici Civili. Hekk allura r-responsabbilita` tal-appaltatur tibqa` tissussisti fejn dan per ezempju jonqos li jikkompleta l-opra affidata lilu jew f'kaz ta' dewmien fl-ezekuzzjoni, jew ikun naqas mill-obbligazzjoni tieghu li jezegwixxi u jikkonsenja l-opra appaltata skont ir-regoli tal-arti u s-sengha, u x-xogholijiet jirrizultaw karenti u difettuzi"

Ikkunsidrat:

34. Illi f'dan ir-rigward, kif precedentement indikat, jirrizulta debitament assodat mill-konkluzjonijiet tal-perizja teknika fuq riferita, li x-xogholijiet in dizamina ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti kienu manifestament difettuzi, (ara paragrafu numru sitta u ghoxrin, (26.), aktar qabel);

35. Illi konsegwenza tal-istess ix-xogholijiet hekk ezegwiti mis-socjeta` rikorrenti rrizultaw li ma kienux skont is-sengha u l-arti;

36.0. Illi a skans ta' ripetizzjoni inutili u ta' dilungar zejjed ssir referenza ghall-paragrafi numri tlettax, (13.), u sitta u ghoxrin, (26.), f'dan ir-rigward, li flimkien:

35.1. Jelenkaw id-difetti riskontrati, (ara foll 72) *et sequitur*;

35.2. Jesebixxu l-konkluzjoni li l-istess perit tekniku wasal ghaliha in vista tal-istess, (ara foll 81 u 82);

Ikkunsidrat:

37. Illi in vista tal-premess, din il-qorti issa ghandha tikkonsidra d-danni rikjamati mis-socjeta` intimata bhala rizultat tal-istess xoghol skadenti esegwit mis-socjea` rikorrenti;

38. Illi f'dan ir-rigward issir referenza wkoll ghall-paragrafu numru sbatax, (17.), tan-nota sottomessa mill-perit tekniku nominat fit-twegibiet tieghu ghad-domandi *in eskussjoni* mressqa mis-socjeta` rikorrenti, (ara foll 208);

39.0. Illi hemmhekk l-istess perit tekniku juri li l-ammont komplessiv ta' danni sofferti mis-socjeta` intimata jirrizulta li jlahhaq l-ammont ta' tnejn u erbghin elf, mija u hamsa u tletin euro u wiehed u disghin centezmu, (€42,135.91), u huma komprizi bil-mod segwenti:

39.1. €7,712.95: ghal qlugh tal-prodott inkluz caqlieq tal-ghamara fit-tieni sular, (ara foll 208);

39.2. €31,113.06: ghar-riapplikazzjoni tal-prodott fit-tieni sular, (ara foll 208);

39.3. €3,309.90: ghall-irrangar tad-difetti fil-livell tal-pjan terran u fl-ewwel sular, (ara foll 208);

Ikkunsidrat:

40. Illi fir-rigward tal-kompensazzjoni ghal danni, il-***Prim' Awla tal-Qorti Civili***, fis-sentenza fl-ismijiet ***Patricia u Joseph konjugi Pace vs. Alfred Mallia***, datata t-***30 ta' Settembru, 2010***, tghid is-segwenti:

> "Huwa principju tad-dritt fil-kamp tal-kompensazzjoni ghal danni li "l-attur ghandu kemm jista` jkun jigi mqieghed fil-posizzjoni li hu kien ikollu, kieku ma gietx kagjonata l-hsara "(***Tufigno vs. Micallef nomine***", ***Qorti tal-Appell – Sede Civili – 23 ta' April, 1965***). Id-danneggjat ghandu l-jedd li jigi rimborsat tad-danni li jkun sofra u li jerga` jitqieghed ragonevolment fl-istat li kien qabel ma sofra l-hsara. Dan ghaliex ir-risarciment ghandu jirreintegra l-patrimonju tad-danneggjat minn kull konsegwenza ekonomika sfavorevoli ghalih li jgib mieghu l-event dannuz. Ghalhekk ir-risarciment ghandu jikkonsisti f'somma li ragonevolment twassal ghall-valur tal-utilitajiet mitlufa. ("***Galea proprio et nomine vs. Gatt et***" – ***Qorti tal-Appell – Sede Civili – 24 ta' Novembru, 1958;*** "***Zammit vs. Calleja***" – ***Appell Inferjuri – 12 ta' Jannar, 1977***; "***Sant vs. Borg***" – ***Prim' Awla tal-Qorti Civili, 3 t'Ottubru, 1979***)";

Ikkunsidrat:

41.0. Illi fir-rigward tax-xogholijiet riparatorji involuti il-valuri riskontrati jirrizultaw li huma s-segwenti:

41.1. €7,712.95: ghall-qlugh tal-prodott inkluz ic-caqlieq tal-ghamara fit-tieni sular, (ara foll 208);

41.2. €3,309.90: ghall-irrangar tad-difetti fil-livell tal-pjan terran u fl-ewwel sular, (ara foll 208);

42. Illi in vista tal-premess m’ghandux jigi likwidat l-ebda ammont f’danni ghar-riapplikazzjoni tal-prodott fit-tieni sular *stante* li s-socjeta` intimata qatt ma hallset ghal dan;

43. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv tal-kwantum tad-danni hekk sofferti mis-socjeta` intimata jammonta ghal hdax- il elf u tnejn u ghoxrin euro, u hamsa u tmenin centezmu, €11,022.85, (ara paragrafu numru wiehed u erbghin, (41.), aktar qabel), u dan, in konsegwenza diretta ghall-agir tas-socjeta` rikorrenti kif fuq deklinat;

Ikkunsidrat:

44.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti naqset li tipprova t-talbiet taghha skont il-ligi, filwaqt li hi sodisfatta wkoll li s-socjeta` intimata ppruvat it-talbiet taghha kontenuti fil-kontro-talba minnha inoltrata, u konsegwentement:

**DECIDE:**

44.1. Takkolji r-risposti tas-socjeta` intimata indirizzati fil-konfront tat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti introdotti mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha;

44.2. Tirrespingi t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti introdotti fl-istess rikors guramentat promotur;

44.3. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` intimata rikonvenzjonanti minnha intavolati fil-kontro-talba taghha;

44.4. Illi in vista tal-premess:

44.4.1. Tiddikjara li s-socjeta` rikorrenti hi risponsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` intimata;

44.4.2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` intimata fl-ammont komplessiv ta’ hdax- il elf u tnejn u ghoxrin euro u hamsa u tmenin centezmu, (€11,022.85);

44.4.3. Tikkundanna lis-socjeta` rikorrenti thallas lis-socjeta` intimata s-somma hekk likwidata fil-paragrafu precedenti;

44.4.4. Bl-ispejjez kollha komprizi f'din il-procedura kontra l-istess socjeta` rikorrenti rikonvenzjonata.

________________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**